MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1461/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Gordon Mifsud**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 612581(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Ottubru 2006 jew fix-xhur ta’ qabel-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi

vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h) 42(d), 185(2), 186 u 121A (1) u (2) (li hu assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante illi l-istess imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali hija wahda netta, u wara li l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment ta' tali licenzja, qed issib lill-imputat Gordon Mifsud hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliebrah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) mill-lum.

Finalament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------